MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2010

Numru. 38/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**James Zammit**
**Yolanda Farrugia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati James Zammit ta' 31 sena, bin il-mejjet Joseph u Giovanna nee' Grima, imwieled Pieta' fis-26 ta' Frar 1975 u residenti 'Vista Flats' Flat 4 Triq Salvu Buhagiar, M'Scala u detentur tal-karta tal-identita' numru 282775(M) u Yolanda Farrugia ta' 56 sena, mart John, bint Domenic u Odette nee' Giacosa, imwielda Paola fl-14 ta' Novembru 1950 u residenti 'Miramar', Triq il-Konservatorju, Bormla u detentrici tal-karta tal-identita' numru 903350(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

F’Dicembru u 2006 u fis-snin immedjatament precedenti f’ dawn il-Gzejjer, b’ mezzi kontra il-Ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’ qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlu qligh ta aktar minn elf lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu ta’ Lawrence Scerri u fil-kaz ta’ James Zammit ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta ukoll, ai terminu ta’ l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi appropjaw ruhhom, billi dawru bi profitt ghalihom jew ghal persuni ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilhom taht titolu illi jgib magghom l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta’ Lawrence Scerri, ai termini ta’ l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Lil James Zammit wahdu qed jigi akkuzat talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f’ dokument mahsub ghal awtorita’ pubblika u cioe’ lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini ta’ l-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 23 ta’ Mejju 2007 (esebita a fol. 222 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

<u>FIL-KONFRONT TA’ JAMES ZAMMIT ;</u>

(a) fl-artikoli 18, 308 u 310 (1) (a) tal-Kodici Kriminali;

(b) fl-artikoli 18, 309 u 310 (1) (a) tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1) (a) tal-Kodici Kriminali ;
(d) fl-artikoli 18 u 188 tal-Kodici Kriminali ;

FIL-KONFRONT TA' YOLANDA FARRUGIA;

(a) fl-artikoli 18, 308 u 310 (1) (a) tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikoli 18, 309 u 310 (1) (a) tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 (1) (a) tal-Kodici Kriminali ;

Rat li fis-seduta tas-26 Gunju 2008 l-imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula milll-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-sena 2006 u ghal perijodu ta' madwar erba' snin qabel l-allegat vittma Lawrence Scerri, li huwa ragel anzjan li fl-2006 kellu 83 sena, kien qed jghix gewwa dar ghall-anzjani f'Bormla. Huwa kien imur fuq bazi regolari f'hanut tal-kafe' li kien hemm vicin id-dar ghall-anzjani liema hanut kien gestit mill-imputata Yolanda Farrugia u matul iz-zmien kien ghamel hbieb ma' Yolanda Farrugia u gieli ghaddielha xi flus (madwar Lm1,000 b'kollox) u dan meta hija kellha xi diffikultajiet finanzjarji u riedet thallas xi kontijiet tad-dawl u kontijiet tal-iskola tat-tfal taghha. Mill-provi rrizulta wkoll li l-imsemmi Scerri ha loan ta' Lm9,000 mill-Bank of Valletta sabiex jaghti donazzjoni lill-imputat James Zammit, li huwa ir-ragel tat-tifla ta' Yolanda Farrugia. Sabiex huwa inghata dan il-loan Scerri ta' bhala pledge l-ammont ta' Lm10,000 li kellu f'fixed deposit account u dan peress li fil-mument li ried jghaddi l-flus lil

Zammit il-flus ma setghux jingibdu mill-fixed deposit account. Mill-provi rrizulta li fil-mument li dawn il-flus setghu jingibdu Scerri gibed il-flus u ghalaq il-fixed deposit account kif ukoll il-loan account. Mill-provi rrizulta wkoll li dakinhar li Scerri inghata l-facilita' tal-loan l-ammont ta Lm9,000 thallas lil James Zammit permezz ta' bank draft. Il-flus inghataw lil Zammit peress li huwa ried jixtri bicca art f'Marsascala sabiex jizviluppaha izda rrizulta wkoll li meta huwa mar sabiex jipprova jagmel il-konvenju fuq din l-art skopra li din kienet diga inbieghet lil haddiehor. Huwa utilizza l-flus sabiex ihallas il-kera ta' fond f'Bormla liema fond kien qed jiggestixxi bhala takeaway u sabiex ihallas ghall-merkanzija li kien xtara ghall-imsemmi fond. Mill-provi rrizulta wkoll li l-imputat James Zammit kien ilu jircievi l-beneficcju tal-ghajnuna socjali sa minn 1998 (vide x-xhieda tar-rapprezentant mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali Raymond Desira a fol. 185 u 186 tal-process). Fid-9 ta' Novembru 2006 il-Pulizija rceviet rapport minghand Victor Scerri, li huwa iben l-allegat vittma Lawrence Scerri u li kellu prokura generali moghtija lilu minn missieru sabiex jagixxi ghan-nom tieghu, fejn dan spjega li kien mar sabiex jissellef xi flus minghand missieru peress li kellu bzonn il-flus ghaliex ma kienx qed jahdem minhabba incident li kellu u meta mar il-bank ma missieru skopra li dan ma kienx ghad fadallu kwazi xejn fil-Fixed Deposit Account ghaliex kien ha loan u ghadda l-flus lil James Zammit. Dan Victor Scerri allega li missieru kien ibaghti minn kundizzjoni mentali msejha bipolar disorder u li l-imputati James Zammit u Yolanda Farrugia kienu approfittaw ruhhom minn dan il-fatt sabiex igeghluh jaghtihom il-flus. Abbazi ta dan ir-rapport gew intavolati l-proceduri odjerni fejn l-imputati gew akkuzati b'truffa u misaproprijazzjoni. L-imputat James Zammit gie ukoll akkuzat li ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza f'dokument mahsub ghal awtorita' pubblika.

Lawrence Scerri xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-20 ta' April 2007 (traskrizzjoni tax-xhieda inserita a fol. 136 sa 143 tal-process) fejn huwa qal li kien ilu jirrisjedi fid-dar ghall-anzjani f'Bormla ghal madwar hames snin u spjega li huwa kien imur jiehu flixkun birra fil-hanut li kien hemm magemb il-home, liema hanut kien gestit mill-

imputata Yolanda Farrugia. Scerri spjega li qabel ma mar jghix fil-home kien jghix f'dar li kellu l-Fgura u qal li f'xi zmien kien qal lill-imputata Yolanda Farrugia li huwa kien biegh din id-dar u li kellu l-flus mir-rikavat ta' dan il-bejgh depozitati l-bank. Huwa qal ukoll li fis-sena 2004 r-ragel tat-tifla ta' Yolanda Farrugia, l-imputat James Zammit, kien avvicinah u talbu saibex isellfu l-flus ghaliex kien hemm bicca art Wied il-Ghajn li xtaq jixtri sabiex jizviluppaha u huwa kien ghalhekk mar il-bank sabiex jara kemm kellu flus ghaliex ma kienx jaf ezattament kemm kellu flus il-bank izda qal li jahseb li kellu madwar Lm100,000. Huwa qal ukoll li ma jiftakarx ezatt kemm kien ta flus lill-imputat James Zammit u sostna li dan tal-ahhar kien prometta li ser jaghtih il-flus lura fi zmien sena izda huwa baqa' ma tah xejn ghalkemm kien ifakru li ghandu jaghtih lura l-flus li kien ghaddielu. Lawrence Scerri qal ukoll li huwa kien ta s-somma ta' Lm1,000 illi Yolanda Farrugia, liema ammont ma kellu x'jaqsam xejn mal-flus li kien ghadda lil James Zammit, u qal li kien taha dawn il-flus sabiex thallas xi kont tad-dawl, il-mizata tat-tifel u sabiex tirranaga l-vettura taghha. Huwa sostna li Yolanda Farrugia kienet qaltlu li ser thallsu lura izda huwa meta kien ifakkarha dwar dawn il-flus kienet tghidlu li m'ghandhiex minn fejn taghtihomlu lura izda huwa qal ukoll li ma kienx ftiehem ma Yolanda meta kellha trodd lura dawn il-flus.

Fl-20 ta' Dicembru 2006 l-imputat James Zammit irrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 111 sa 114 tal-process) fejn huwa ikkonferma li kien sar jaf lil Lawrence Scerri tramite omm il-mara Yolanda Farrugia u spjega li huwa kien qal llil Scerri li kellu bzonn Lm10,000 sabiex jixtri plot f'Marsascala u dan Scerri offra li jaghtih l-Lm10,000 izda spicca sabiex tah Lm9,000. Huwa spjega li kien qal lil Scerri li kien ser jaghtih dawn il-flus lura izda huma qatt ma ftehmu dwar il-mod kif dawn il-flus kellhom jithallsu lura. L-imputat James Zammit spjega li huwa ried jixtri din l-art sabiex jew jerga' jbieghha bi qliegh jew inkella isib lil xi hadd jidhol bi shab mieghu sabiex jizviluppawha u huwa kien spjega lil Scerri x'kienu l-pjanijiet tieghu. Zammit sostna li Scerri qatt ma kien talbu l-flus lura. Huwa qal li l-art spicca ma xtrahiex ghaliex meta kellu l-flus f'idejh

skopra li l-art fil-frattemp kienet inbieghet lil haddiehor. Huwa ghalhekk uza il-flus li kien ghaddielu Scerri sabiex ihallas il-kera ta’ hanut tat-takeaway li kellu f’Bormla u sabex jixtri apparat u merkanzija ghal dan il-hanut.

L-imputata Yolanda Farrugia wkoll irrilaxjat stqarrija (inserita a fol. 115 sa 118 tal-process) fejn hija kkonfermat li kienet saret taf lil Lawrence Scerri meta dan kien imur fil-hanut taghha li kien jinsab fejn id-dar tal-anzjani fejn huwa kien jirrisjedi. Hija qalet li huwa kien jghidilha li t-tfal tieghu ma kienux jigu jarawh u spjegat li hija kienet tithassru u kienet tohorgu bil-karozza. Hjia qalet ukol li huwa kien jitkellem maghha fuq il-problemi tieghu u hija kienet tkellmu dwar il-problemi taghha. Hija cahdet li qatt talbitu sabiex isellifha xi flus izda qalet li tul l-erba’ snin fejn kien sar qisu tal-familja maghha huwa gieli taha xi flus minn jeddu. Dwar il-flus li inghataw lil James Zammit, Yolanda Farrugia qalet li kien l-istess Lawrence Scerri li izzattat sabiex isellef dawn il-flus lil Zammit. Hija qalet ukoll li dan tal-ahhar kien qal lil Scerri li ma kienx jaf meta seta’ jaghtih lura l-flus u li dan tal-ahhar qal lil Zammit li seta jaghtihomlu lura meta jkun komdu.

Ikkunsidrat:

Illi f’’dawn il-proceduri iz-zewg imputati jinsabu akkuzati bir-reati kontemplati fl-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali (truffa u frodi innominata) u bir-reat ta’ misapproprijazzjoni kontemplat fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. F’dan il-kaz il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputati li kienu jafu li Lawrence Scerri kien ragel anzjan u li jbati bi problemi mentali u li huwa kellu l-flus kienu b’mezzi qarrieqa kkonvincewh jaghtihom il-flus. Il-Qorti jidrilha li f’dan il-kaz il-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma jista’ jinghad li rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputati kienu ghamlu xi messa in scena jew xi adoperaw xi raggiri sabiex jikkonvincu lill-imputat jaghthom xi flus. Kull ma jirrizulta mill-provi, u senjatament mix-xhieda tal-istess Lawrence Scerri, huwa li huwa kien minn jeddu silef il-flus lil James Zammit u lil Yolanda Farrugia, Huwa fl-ebda mument izda ma qal li dawn kienu qalulu xi haga b’ohra jew li altrimenti kienu wrewh xi

kwalifiki foloz jew ingannawh b’tali mod sabiex jikkonvincuh jaghtihom il-flus. Irid jinghad li ghalkemm il-Prosekuzzjoni allegat li Lawrence Scerri kien ibaghti b’xi mard mentali fl-ebda stadju ta’ dawn il-proceduri ma ngabet il-prova li dan effettivament kien ibaghti minn tali mard mentali. L-unika certifikat mediku li gie prodott rigwardanti Lawrence Scerri huwa dak esebit a fol. 198 tal-process fejn Lawrence Scerri gie certifikat bhala ‘mentally fit  to perform his normal social activities’. Dan ic-certifikat mediku gie esebit minn George Decesare il-Manager tal-Bank of Valletta branch ta Haz-Zebbug li spjega li meta Lawrence Scerri kien mar ghandu akkompanjat minn James Zammit u talab li jinghata loan huwa kien kellmu wahdu sabiex jispjegalu ezattament x’kien ser jigri u kien talbu jipproduci certifikat mediku rigward il-kapacitajiet mentali tieghu u dan in vista tal-fatt li kien ragel ta’ 83 sena,  Scerri kien fil-fatt produca dan ic-certifikat li jinsab inserit in atti. L-imsemmi George Decesare li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-1 ta’ Gunju 2007 esebixxa wkoll kopja tas-sanction letter li kienet tirrigwarda il-kundizzjonijiet tal-loan li inghata lil Lawrence Scerri (inserita a fol. 199) fejn hemm indikat li l-iskop tal-loan kien ‘funds to be donated to third parties’. Dan il-bank manager spjega ulterjorment li l-imputat James Zammit kien l-ewwel mar il-bank wahdu jitlob li jinghata loan facility izda huwa gie infurmat li din il-loan facility setghat tinghatalu biss jekk huwa jipprovdi ‘cash cover’ u peress li huwa ma kienx f’posizzjoni li jipprovdi tali cash cover it-talba tieghu giet rifjutata. Xi granet wara izda l-imputat Zammti kien rega’ mar il-bank din id-darba akkumpanjat minn Lawrence Scerri u kienu saru l-arrangjamenti sabiex il-loan tinghata lil Scerri billi huwa jippleggja il-flus li kellu fil-fixed deposit account u dakinhar stess inhareg bank draft f’isem James Zammit. Mill-provi rrizulta wkoll li fiz-zmien in kwistjoni l-imputat James Zammit kien interessat li jixtri bicca art Marsascala ghal skopijiet ta’ zvilupp u dan jirrizulta mix-xhieda ta’ Conrad Sultana li kien il-property negotiator involut (xhieda a fol. 239) u li meta l-imputat rnexxielu jsib il-fondi sabiex ihallas id-deposit fuq din l-art, l-istess art kienet diga inbieghet lil haddiehor.

Il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz kull ma jirrizulta mill-provi huwa li l-imputat James Zammit talab lil Lawrence Scerri sabiex isellfu l-flus sabiex jixtri bicca art f'Marsascala u li l-istess Scerri accetta li jsellef dawn il-flus izda bl-ebda mod ma irrizulta li l-imputat Zammit adopera xi messa in scena jew xi raggiri sabiex igieghel lil Scerri jsellfu l-flus kif l-anqas ma rrizulta li l-imputata Yolanda Farrugia adoperat ir-raggiri jew b'xi mod ingannat lil Scerri sabiex huwa jaghtiha l-flus.

Illi l-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tressaq provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li z-zewg imputati ghandhom jinstabu hatja tar-reati ta' frodi u misapproprijazzjoni li huma qed jigu akkuzati bihom permezz tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u huma sejrin ghalhekk jigu dikjarati mhux hatja ta' dawn l-akkuzi.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat James Zammit wahdu jinsab ukoll akkuzat li ghamel dikjarazzjoni falza f'dokument mahsub ghal awtorita' pubblika, u cioe' ir-reat kontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, izda anki fil-kaz ta' din l-imputazzjoni ma ngabux provi li jwaslu ghar-reita' tal-imputat. Il-Prosekuzzjoni gabet il-prova li l-imputat James Zammit kien qed jircievi l-ghajnuna socjali u ghal xi zmien l-unemployment benefit waqt li fl-istess hin huwa kien qed jiggestixxi hanut ta takeaway u ghalhekk meta kellu introjtu minn dan in-egozju. L-imputat izda f'dawn il-proceduri qed jigi akkuzat li ghamel dikjsrazzjoni falza u tali prova li huwa effettivament ghamel dikjarazzjoni falza ma ngabitx. Meta xehed Raymond Desira ir-rapprezentant mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali huwa esebixxa d-dokumenti li jindikaw l-ammont li l-imputat inghata bhala benficcji tul is-snin izda huwa ma produciex id-dokument fejn l-imputat allegatament ghamel dikjarazzjoni falza dwar id-dhul tieghu u dan sabiex ikun jista' jibbenefika mill-ghajnuna socjali. Una volta li tali prova ma ngabitx ma tistghax tinstab htija taht dak li hemm previst fl-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminalli.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------